MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Rikors Numru. 423/2005

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 1912/01 u fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1531/02 fl-ismijiet:**

**Josephine Sammut**

**vs**

**Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-3 ta' Mejju, 2005, minn Emanuel Sammut, Natasha Sammut u George Borg, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

L-intimata talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandati ta' sekwestru fuq indikati kontra l-esponenti fl-ammont ta' sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) bil-kawzali indikata

bhala *"valur tal-vettura tal-ghamla taxi bin-numru KTY152 u xarabank bin-numru BBY-696 u kif ukoll il-valur tal-permessi relattivi".*

Fic-cirkostanzi ma hux ragonevoli li l-mandati msemmija jinzammu fis-sehh u dan ghar-ragunijiet segwenti, u *cioe'*:

1. Il-pretensjoni ta' l-intimata (li l-esponenti jikkontestaw bil-qawwa kollha) fl-ammont indikat diga' giet salvagwardjata permezz ta' mandat ta' inibizzjoni numru 716/03. Dan il-mandat ta' inibizzjoni gie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti b'digriet tas-26 ta' Mejju, 2003, wara talba ta' l-intimata tal-5 ta' Mejju, 2003. Bl-effetti ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni gew kolpiti tlett proprjetajiet immobbli li jikkawtelaw ampjament il-pretensjonijiet ta' l-intimata;

2. Minkejja l-premess, l-intimata zammet fis-sehh il-mandati ta' sekwestru precedentement mahruga minnha, u dan bi pregudizzju ghall-esponenti;

3. L-esponenti diga' esponew dawn ic-cirkustanzi fir-rikors numru 275/03 fl-istess ismijiet, liema rikors kien jittratta *inter alia* talba simili ghat-tnehhija ta' mandat ta' qbid kawtelatorju mahrug qabel il-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi. Fid-digriet taghha tat-3 ta' Lulju, 2003, din l-Onorabbli Qorti stqarret:

"Wara l-hrug ta' dan l-ahhar mandat (ta' inibizzjoni), l-intimata ma ghamlet xejn u zammet fis-sehh tlett mandati biex tikkawtela l-istess pretensjoni: bil-Mandat ta' Sekwestru baqghet izzomm is-somma ta' Lm1,426.89, bil-Mandat ta' Qbid zammet elevati t-taxi u c-charabanc li huma l-meritu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, u bil-Mandat ta' Inibizzjoni zammet tlett proprjetajiet immobbli, li huma flat, formanti parti minn blokk bini bl-isem ta' Broad House, f'San Pawl tat-Targa, terran numru 16, Triq Santa Rita, f'Tas-Sliema, u Maisonette fi Triq Zammit Clapp, f'San Giljan.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-intimata ma kellhiex izzomm dawn it-tlett mandati fis-sehh ghax kienet taf li issa giet

ikkawtelata aktar milli hu mehtieg. Hu hawn li naqset l-intimata. Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, *pero'*, ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorsjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-impozizzjoni ta' penali.

… it-thassir ta' dan il-mandat huwa gustifikat taht is-subparagrafu (f), ghax, illum, bil-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, mhux ragonevoli li dan il-Mandat ukoll jinzamm fis-sehh. Hu veru li dan l-ahhar mandat inhareg fil-mori tal-kawza, *pero'*, din il-Qorti tista' tiehu konjizzjoni tieghu bis-sahha tad-duttrina ta' *ius superveniens.*

Ghar-rigward it-talba ghall-impozizzjoni ta' penali, din il-Qorti tqies li l-intimata kellha, immedjatament li gie milqugh il-mandat ta' inibizzjoni, tirregola ruhha sabiex il-*pretis debitur* ma jibqax issikkat izzejjed; il-fatt li halliet dan il-mandat fis-sehh anke wara li nhareg il-mandat ta' inibizzjoni, jaghmel il-kontinwazzjoni taz-zamma fis-sehh ta' dan il-mandat ta' Qbid, bhala agir vessatorju, li tiggustifika l-imposizzjoni tal-penali taht l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha issir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta' wara jkunu jezistu meta intalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javveraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikanti fuq il-*pretis debitur*, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u *kwindi* ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skond ic-cirkostanzi.

Ghalhekk, din il-Qorti thoss li t-talba ghall-imposizzjoni ta' penali hi, fic-cirkustanza, gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, *ai termini* tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Qbid numru 1910/01 mahrug minn din il-Qorti fil-21 ta' Gunju, 2001, u *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kap 12, tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti penali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500)".

4. Ic-cirkostanzi odjerni huma identici. Huma sahansitra aggravati bil-fatt li wara pronuncjament daqstant car u inekwivoku minn din l-Onorabbli Qorti, u l-emfazi li ghamlet li mandat kawtelatorju <u>ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament</u> l-intimata ippersistiet fl-agir taghha. Il-mandati ta' sekwestru gew rezi superfluwi izda l-intimata mhux talli ma nehhiethomx, talli talbet l-estensjoni taghhom (ara rikors ta' l-intimata li permezz tieghu, **dakinhar stess** tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti gie prorogat il-mandat ta' sekwestru numru 1531/02).

5. Ghar-ragunijiet fuq esposti, u ghall-istess ragunijiet kunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet taghha fuq citat, l-esponenti umilment jesponu li l-mandati ta' sekwestru m'ghandhomx jinzammu fis-sehh u, wkoll, li l-agir ta' l-intimata ghandu jkun punit b'penali xierqa li tirrispekkja l-persistenza taghha, u l-fatt li minkejja li diga''giet ikkundannata thallas penali ta' Lm500 dan ma serviex ta' deterrent.

Ghaldaqstant, *in vista* tas-suespost, l-esponent umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka u thassar il-mandati ta' sekwestru numru 1912/01 u 1531/02, *ai termini* ta' l-Artiklu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata thallas lill-esponenti dik is-somma li ma tkunx anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn tlett elef lira *a tenur* ta' l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tal-intimata li *in forza* taghha eccepiet illi:

1. L-esponenti, *in linea* preliminari, ghandha zewg punti xi tqajjem dwar in-nullita' tar-rikors hekk kif ippresentat.

A. L-esponenti tirrileva *in linea* preliminari illi l-procedura hekk kif intavolata mir-rikorrenti hija wahda irrita u nulla u dana *stante* li huma m'ottemporawx ruhhom ma' dak stipulat fl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tal-ligi tistipula illi jekk hemm Qorti li qieghedha tisma' l-kawza tar-rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju *ai termini* ta' l-imsemmi artikolu ghandha issir quddiem dik il-Qorti li qieghedha tisma' l-kawza.

Ir-rikorrent m'ghamlux l-imsemmi rikors fl-atti tac-citazzjoni ta' dik il-Qorti li kienet qieghedha tisma' l-kawza u *cioe'* fl-atti tac-citazzjoni li ggib in-numru 1186/01TM fl-istess ismijiet izda fl-atti tal-mandat jew ahjar diversi mandati.

Kienet appuntu l-ammistrazzjoni tal-Qorti li tefghet dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti hekk kif ippresjeduta. Dan sar jew b'kumbinazzjoni jew ghaliex l-amministrazzjoni hadet l-izbriga illi tara min kienet il-Qorti li qieghedha tisma' l-kawza fil-mertu taghha.

Ghalhekk m'hemmx illi r-rikorrenti ma mxewx mal-proceduri u *cioe'* illi jaghmlu l-imsemmi rikors *ai termini* ta' l-Artikolu 836 fl-atti tac-citazzjoni u ghalhekk tali procedura uzata hija wahda irritwali u nulla.

L-esponent taghmel riferenza ghad-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Onor. Imhallef Dr. A. Magri ta' nhar it-2 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet *'Kashmiri Palace Limited et vs Carmen Taliana'*. Minn dan id-digriet jidher bic-car illi l-qrati taghna jridu illi galadarba illi jkun hemm Qorti li qieghedha tisma' u tiehu konjizzjoni ta' mertu ta' kawza jekk ssir procedura *ai termini* ta' l-Artikolu 836 din ghandha ssir fl-atti tac-citazzjoni ta' dik il-kawza u m'hux fl-atti tal-mandat.

B. Ir-rikorrenti qabdu u ghamlu rikors fl-atti ta’ diversi mandati. Bir-rispett kollu r-rikorrenti anke hawnhekk ma mxewx bil-procedura hekk kif stipulata fl-Artikolu 836. Ir-rikorrenti jekk qed jittentaw li jirrevokaw xi mandati dan kellhom jaghmlu dan it-tip ta’ rikors fl-atti ta’ kull mandat [jekk wiehed qed se jargumenta li seta’ jaghmel hekk ir-rikorrent u *cioe’* li jaghmel dan ir-rikors fl-atti tal-mandat u m’hux fl-atti tac-citazzjoni] u m’hux rikors wiehed b’mod fittizju fl-atti ta’ diversi mandati elenkati mill-istess rikorrenti.

Ghalhekk il-procedura hekk kif utilizzata mir-rikorrenti hija wahda irrita u nulla ghaliex certament li r-rikorrenti ma setghux jaghmlu rikors wiehed halli jittentaw jwaqqghu diversi mandati.

2. Illi l-esponenti tirrileva li m’hemm l-ebda cirkostanza u ma giet ipprovata l-ebda cirkostanza mir-rikorrenti li turi li kien hemm xi mandati li almenu sal-grad ta’ *‘prima facie’* ma kienx gustifikat li nhareg mill-qrati taghna.

L-esponent jirrileva illi minn dak iz-zmien ‘il hawn ma hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li jimmilita illi xi mandat ghandu jitwaqqa’ ghaliex kollox baqa’ l-istess u l-esponenti ghadha ghaddejja bil-kawza taghha halli tiehu dak li haqqha. Hawnhekk l-esponenti thoss li ghandha taghmel riferenza ghall-imsenjament tal-Qrati taghna f’dan ir-rigward li fil-qosor isostnu illi l-proceduri *ai termini* ta’ l-Artikolu 836(1)(f), il-Qorti m’ghandhix il-funzjoni li tirrevedi dak li ghamlet Qorti diversament presjeduta jew li tissindikaha, izda ghandha tara biss jekk hux ragjonevoli li mandat jibqa’ fis-sehh jew jekk ghadux mehtieg [Ara sentenza datata 21 ta’ Lulju, 1998 moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet *‘Maria Baldacchino vs Edwin Pace’*]. Huwa appuntu dan l-esercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti u fil-fatt fl-opinjoni umli ta’ l-esponent m’hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li jiggustifika li jitwaqqa’ xi mandat maghmul mill-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti.

L-esponenti taghmel riferenza ghal mandat t’inibizzjoni li hija ghandha fil-konfront tat-tlett rikorrenti u *cioe’* dak bin-numru 716/2003 [u m’hux dak bin-numru 716/2004 hekk

kif indiakt fir-rikors promutur] u tirrileva li bis-sahha tal-imsemmi mandat hemm zewg proprjetajiet li huma maqbuda u *cioe'* dik ta' *'Filby'* fil-limiti ta' San Pawl tat-Targa, Naxxar u dik ta' *'Santa Rita'* gewwa tas-Sliema. Ghalhekk ir-rikorrenti jridu certament igibu prova shiha illi dawn il-proprjetajiet, *tenendo* kont anke xi dejn jew pizijiet ohra li jista' jkun hemm fuqhom, ikopru l-pretensjoni ta' l-esponenti haga li ghadha ma ingibitx f'dawn il-proceduri.

3. Dwar it-talba ghall-penali, esponenti tirrileva illi l-istess rikorrenti qatt ma interpellawha halli hija twaqqa' dawn iz-zewg mandati li qed tintalab ir-revoka taghhom izda r-rikorrenti qabdu u inizzjaw il-proceduri odjerni.

*In oltre* hekk kif gja' spjegat l-esponenti jista' jkun li m'hix koperta b'mod shih ghall-pretensjoni taghha bil-mandat ta' inibizzjoni hawn fuq indikat u dana ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati.

Ghalhekk ma jirrizultax illi l-esponenti kienet malizzjuza jew frivola jew vessatorja fil-konfront tar-rikorrenti fil-hrug jew fiz-zamma ta' dawn il-mandati ta' sekwestri.

Ghaldaqstant l-esponent umilment thoss illi z-zewg talbiet mressqa mir-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Rat l-atti tal-mandati ta' sekwestru numri 1912/01 u 1531/02;

Rat l-atti tar-rikors 1153/01 decis minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2001, u tar-rikors numru 275/03 decis minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimata;

Rat li l-kawa thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-intimata bdiet proceduri ghar-ritorn ta’ *taxi* u *charabanc* li hi kienet precedentement *“ittrasferiet”* ghal fuq isem Emanuel Sammut u Natasha Sammut. *In kawtela* ta’ din il-pretensjoni, li hi kkwantifikat fis-somma ta’ Lm70,000, fil-21 ta’ Gunju, 2001, talbet u ottjeniet il-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid numru 1910/01 u ta’ Mandat ta’ Sekwestru numru 1912/01. Bil-Mandat ta’ Sekwestru irnexxielha tissekwestra biss is-somma ta’ Lm1,426.89, filwaqt li bis-sahha tal-Mandat ta’ Qbid gew elevati t-*taxi* u c-*charabanc in kwistjoni*; eventwalment, dawn il-vetturi gew elevati u moghtija f’idejn konsenjatarju, certu Saviour sive Silvio Sammut, b’obbligu li jzommhom iggaraxxjati f’garaxx fi triq Caravaggio, il-Gharghur.

Wara l-hrug ta’ dawn iz-zewg Mandati, ir-rikorrenti, flimkien ma’ Emanuel Sammut u Natasha Sammut, kien fetah proceduri (Rikors Nru. 1153/01) ghr-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1912/01 *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dawk il-proceduri gew determinati minn din il-Qorti b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru, 2001, u t-talba tar-rikorrenti giet michuda, bil-Qorti wkoll tirrifjuta li tordna l-hlas ta’ penali u li timpni l-ghoti ta’ garanzija wara li qieset li ma kienx jirrizulta li t-talba tal-intimata kienet wahda li saret b’malizzja, frivola u vessatorja.

Wara dawn il-proceduri, l-intimata, fil-15 ta’ Lulju, 2002, talbet u ottjeniet il-hrug ta’ Mandat ta’ sekwestru iehor, numru 1531/02; ma jirrizultax li bis-sahha ta’ dak il-mandat (li jidher li kien gie prorogat darbtejn, *cioe’*, sal-14 ta’ Lulju, 2004) gew maqbuda xi flus ohra appartenenti lir-rikorrenti.

L-intimata, *pero’*, ma kienitx kuntenta b’dawn it-tlett Mandati, u fil-5 ta’ Mejju, 2003, talbet il-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni biex it-tlett persuni hemm intimati jigu inibiti milli jittrasferixxu l-proprjeta’ immobiljari hemm indikata. Din il-Qorti, b’digriet tas-26 ta’ Mejju, 2003, laqghet it-talba, b’dan, *pero’*, li l-inibizzjoni harget fuq tlett proprjetajiet, minflok fuq erbgha kif kienet it-talba originarjament; il-

propjeta' mhux milquta tappartjeni lil Emanuel Sammut, filwaqt li l-proprjeta' indikata tar-rikorrent George Borg giet milquta bl-inibizzjoni.

Wara l-hrug ta' dan l-ahhar Mandat, l-intimata ma ghamlet xejn u zammet fis-sehh tlett mandati biex tikkawtela l-istess pretensjoni: bil-Mandat ta' Sekwestru baqghet izzomm is-somma ta' Lm1,426.89, bil-Mandat ta' Qbid zammet elevati t-*taxi* u c-*charabanc*, li huma l-meritu tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet, u bil-Mandat ta' Inibizzjoni zammet tlett proprjetajiet immobbli, li huma *flat*, formanti parti minn blokk bini bl-isem ta' *Broad House*, f'San Pawl tat-Targa, terran numru 16, Triq Santa Rita, f'Tas-Sliema, u *maisonette* fi Triq Zammit Clapp, f'San Giljan.

Fl-14 ta' Marzu, 2003, ir-rikorrenti talbu ir-revoka tal-mandat ta' qbid numru 1910/01, (rikors numru 275/03), u din il-Qorti, bid-decisjoni taghha tat-3 ta' Lulju, 2003, kienet laqghet it-talba ghar-revoka ta' dak il-mandat u anke ordnat lill-intimata thallas penali ta' Lm500 *ai termini* tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti issa qed jitolbu r-revoka taz-zewg mandati ta' sekwestru, peress li ghad hemm garanzija ohra u sufficjenti biex taghmel tajjeb ghal-pretensjoni tal-intimata, u qed jitolbu wkoll l-imposizzjoni ta' penali ulterjuri fuq l-intimata ghall-istess ragunijiet li waslu lil din il-Qorti timponi penali bid-decisjoni taghha tas-3 ta' Lulju, 2003. Jidher ukoll li ghad hemm pendenti bejn il-partijiet talba maghmula mill-intimata ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex ir-rikorrenti jigu inibiti milli jittrasferixxu lil terzi t-*taxi* u c-*charabanc* li huma l-meritu tal-kwistjoni bejniethom; dan il-mandat kien gie milqugh provisorjament, u sakemm inbdew dawn il-proceduri, kien ghadu pendenti. Fil-mori tal-presenti proceduri, r-rikorrenti accettaw li ma jopponux il-hrug ta' dan il-mandat u accettaw li, sakemm il-materja tigi definita mill-Qrati, ma jiddisponux mill-vetturi *in kwistjoni*; fid-dawl ta' dan, l-intimata accettat li titlob hi stess ir-revoka taz-zewg mandati ta' sekwestru. Ir-rikorrenti, *pero'*, baqghu jinsistu fuq l-imposizzjoni tal-penali.

Fil-fehma tal-Qorti, wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fuq il-proprjeta' immobbli tar-rikorrenti, u, specjalment, wara d-decisjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju, 2003, l-intimata ma kellhiex tibqa izomm attivi z-zewg sekwestri *in kwistjoni*. Ma kellix toqghod tistenna l-konferma tal-mandat ta' inibizzjoni dwar il-vetturi ghax hi kienet taf li bit-tlett proprjetajiet milquta bil-mandat ta' inibizzjoni (numru 716/03) kienet giet ikkawtelata ghad-danni pretizi aktar milli hu mehtieg.

Hu hawn li naqset l-intimata. Kif gia gie osservat minn din il-Qorti, il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, *pero'*, ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.

Din il-Qorti tqies li l-intimata kellha, immedjatament li gie milqugh il-mandat ta' inibizzjoni, tirregola ruhha sabiex il-pretis debitur ma jibqax issikkat izzejjed; il-fatt li halliet dawn il-mandati fis-sehh anke wara li nhareg il-mandat ta' inibizzjoni, jaghmel il-kontinwazzjoni taz-zamma fis-sehh ta' dawn il-mandati ta' sekwestru, bhala agir vessatorju, li tiggustifika l-imposizzjoni tal-penali taht l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha issir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta' wara jkunu jezistu meta intalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javveraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u *kwindi*

ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skond ic-cirkostanzi.

L-intimata kienet taf b'dan kollu u b'din il-linja gurisprudenzjali, *pero'*, xorta wahda, wara id-decisjoni ta' din il-Qorti tat-3 ta' Lulju, 2003, ma irregolatx ruhha. Anzi, mhux talli halliet dawn il-mandati ta' sekwestru attivi, izda talbet il-hrug ta' mandat iehor (biex il-vetturi *in kwistjoni* ma jigux trasferiti) biex tkopri ruha doppjament, jekk mhux aktar.

Iz-zewg mandati ta' sekwestru baqghu jinzammu fis-sehh ghal-ebda skop hlif biex jivvessaw lill-rikorrenti, li sabu ruhhom f'posizzjoni mhux biss li kellhom xi flus sekwestrati, izda li ma setghux juzaw is-servizzi bankarji la biex jiddepositaw flus maghhom, u lanqas biex jircievu l-pensjoni li kienet tidhol fil-kont taghhom direttament mid-Dipartiment tat-Tezor. Dan l-inkwiet kollu ma kienx mehtieg, u l-intimata kellha tara li r-rikorrenti ma jigux imfixxkla fl-ghixien taghhom aktar milli kien necessarju.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet procedurali, il-Qorti tichadhom it-tnejn peress li, bhala fatt, ir-rikors ghar-revoka tal-mandati gie trattat u deciz mill-Qorti li qieghda tisma' l-kawza bejn il-partijiet, u ma jidhirx lanqas li hemm xi ostakolu legali li persuna titlob b'rikors wiehed ir-revoka ta' zewg mandati, b'dan li sta ghall-Qorti tilqax it-talbiet fl-interezza taghhom jew *in parte*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi, bi qbil mal-intimata u *ai termini* tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tirrevoka u thassar iz-zewg Mandati ta' Sekwestru bin-numri 1912/01 u 1531/02 mahruga minn din il-Qorti fil-21 ta' Gunju, 2001 u fl-15 ta' Lulju, 2002, rispettivament, u *ai termini* tal-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kap. 12, tordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti penali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

L-ispejjes ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------